Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/574**

tal-15 ta' Diċembru 2017

dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 96, 16.4.2018, p. 7)

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 252, 8.10.2018, p. 47 (2018/574)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/574

tal-15 ta' Diċembru 2017

dwar l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim ta' sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

SUĠĠETT U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-istandards tekniċi għat-twaqqif u għat-tħaddim tas-sistema ta' traċċabbiltà prevista fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/UE, għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet:

(1) "identifikatur uniku" tfisser il-kodiċi alfanumeriku li bih il-pakketti individwali jew l-imballaġġ aggregat tal-prodotti tat-tabakk ikunu jistgħu jiġu identifikati;

(2) "operatur ekonomiku" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika involuta fil-kummerċ tal-prodotti tat-tabakk, inkluż għall-esportazzjoni, mill-manifattur sal-aħħar operatur ekonomiku qabel l-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut;

(3) "l-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut" tfisser l-istabbiliment fejn il-prodotti tat-tabakk jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba, inkluż id-distributuri awtomatiċi li jintużaw għall-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk;

(4) "esportazzjoni" tfisser il-konsenja mill-Unjoni lejn pajjiż terz;

(5) "imballaġġ aggregat" tfisser kull imballaġġ li jkun fih iktar minn pakkett individwali wieħed tal-prodotti tat-tabakk;

(6) "stabbiliment" tfisser kull post, bini jew distributur awtomatiku fejn jiġu mmanifatturati, jinħażnu jew jitqiegħdu fis-suq il-prodotti tat-tabakk;

(7) "apparat għal kontra t-tbagħbis" tfisser apparat li jippermetti li jiġi rreġistrat, permezz ta' filmat jew ta' fajl storiku, il-proċess ta' verifika wara li jiġi applikat kull identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali, li wara li jiġi rreġistrat ma jistax jerġa' jinbidel mill-operatur ekonomiku;

(8) "fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline ("offline flat files")" tfisser il-fajls elettroniċi li kull emittent tal-identifikazzjoni jistabbilixxi u jżomm, u li jkun fihom dejta f'format ta' test sempliċi li tippermetti li tiġi estratta l-informazzjoni (minbarra l-kronogramma) kkodifikata fl-identifikaturi uniċi użati fil-livell tal-pakketti individwali, kif ukoll fil-livell tal-pakketti aggregati, mingħajr ma jkun hemm aċċess għas-sistema ta' repożitorji;

▼B

(9) “reġistru” tfisser ir-reġistru li kull emittent tal-identifikazzjoni jistabbilixxi u jżomm b'rabta mal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jkun iġġenera għall-operaturi ekonomiċi, għall-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, għall-istabbilimenti u għall-magni, u mal-informazzjoni li tikkorrispondi magħhom;

(10) “portatur tad-dejta” tfisser portatur li jirrappreżenta d-dejta f'format li jista' jinqara bl-użu ta' apparat partikulari;

(11) “magna” tfisser it-tagħmir li jintuża biex jiġu mmanifatturati l-prodotti tat-tabakk u li jifforma parti integrali mill-proċess tal-manifattura;

(12) “kronogramma” tfisser id-data u l-ħin meta jseħħ avveniment partikulari, irreġistrati bħala ħin universali kkoordinat (UTC), f'format stabbilit;

(13) “repożitorju primarju” tfisser repożitorju li fih tinħażen dejta marbuta mat-traċċabbiltà li jkollha x'taqsam biss mal-prodotti ta' manifattur jew ta' importatur partikulari;

(14) “repożitorju sekondarju” tfisser repożitorju li jkun fih kopja tad-dejta kollha marbuta mat-traċċabbiltà maħżuna fir-repożitorji primarji;

(15) “router” tfisser apparat li jkun jinsab fir-repożitorju sekondarju u li jittrasferixxi d-dejta bejn il-komponenti differenti tas-sistema ta' repożitorji;

(16) “sistema ta' repożitorji” tfisser sistema li tkun magħmula mir-repożitorji primarji, mir-repożitorju sekondarju u mir-router;

(17) “dizzjunarju tad-dejta komuni” tfisser sett ta' informazzjoni li tiddeskrivi l-kontenut, il-format u l-istruttura ta' bażi tad-dejta u r-relazzjoni bejn l-elementi tagħha, li tintuża biex jiġi kkontrollat l-aċċess għall-bażijiet tad-dejta li jkunu jgħoddu għar-repożitorji primarji u sekondarji kollha, u biex dawn il-bażijiet tad-dejta jiġu mmanipulati;

(18) “jum tax-xogħol” tfisser kull jum tax-xogħol fl-Istat Membru li b'rabta miegħu emittent tal-identifikazzjoni għandu l-kompetenza;

(19) “trasbord” tfisser it-trasferiment tal-prodotti tat-tabakk minn vettura għall-oħra li matulu l-prodotti tat-tabakk la jidħlu fi stabbiliment u lanqas ma joħorġu minnu;

(20) “vann għall-bejgħ tal-prodotti” tfisser vettura li tintuża biex il-prodotti tat-tabakk jitwasslu lil diversi stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut fi kwantitajiet li ma jkunux ġew stabbiliti qabel il-konsenja.

KAPITOLU II

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI MARBUTIN MAL-IDENTIFIKATUR UNIKU

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 3

Emittent tal-identifikazzjoni

1. Sa mhux aktar tard minn sena minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, kull Stat Membru għandu jaħtar entità (minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-emittent tal-identifikazzjoni”) li jkollha

▼B

r-responsabbiltà tiġġenera u toħroġ identifikaturi uniċi skont l-Artikoli 8, 9, 11 u 13.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-emittenti tal-identifikazzjoni li jkun beħsiebhom iqabbdu sottokuntratturi biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jitqiesu biex jinħatru biss jekk huma jkunu ġew avżati bl-identità tas-sottokuntratturi proposti.

3. L-emittent tal-identifikazzjoni għandu jkun indipendenti u jkun jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 35.

4. Kull emittent tal-identifikazzjoni għandu jkollu kodiċi ta' identifikazzjoni uniku. Il-kodiċi għandu jkun magħmul minn karattri alfanumeriċi u jkun jikkonforma mal-istandard tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni u tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-istandard tal-ISO/IEC") 15459-2:2015.

5. Meta iktar minn Stat Membru wieħed ikunu ħatru lill-istess emittent tal-identifikazzjoni, dan għandu jkun jista' jiġi identifikat bl-istess kodiċi.

6. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-emittent tal-identifikazzjoni u bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħu fi żmien xahar minn meta jaħtruh.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni marbuta mal-identità tal-emittent tal-identifikazzjoni maħtur u mal-kodiċi ta' identifikazzjoni tiegħu tiġi ppubblikata u tkun aċċessibbli onlajn.

8. Kull Stat Membru għandu jimplimenta miżuri adegwati biex jiżgura l-affarijiet li ġejjin:

(a) li l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun ħatar ikompli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-indipendenza skont l-Artikolu 35; u

(b) li jkomplu jingħataw, mingħajr interruzzjonijiet, is-servizzi pprovduti minn emittenti tal-identifikazzjoni suċċessivi f'każ li jinħatar emittent ġdid tal-identifikazzjoni biex jieħu f'idejh is-servizzi li kien joffri emittent preċedenti tal-identifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jeżiġu li l-emittent tal-identifikazzjoni jiżviluppa pjan tal-ħruġ li jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita biex tkompli ssir il-ħidma sa ma jinħatar emittent tal-identifikazzjoni ieħor.

9. L-emittent tal-identifikazzjoni jista' jistabbilixxi tariffi u jimponihom fuq l-operaturi ekonomiċi talli jkun qed jiġġenera u joħroġ l-identifikaturi uniċi biss. It-tariffi ma għandhomx ikunu diskriminatorji u għandhom ikunu proporzjonati għall-għadd ta' identifikaturi uniċi li jiġu ġġenerati u jinħarġu għall-operaturi ekonomiċi, filwaqt li jitqies il-mod kif dawn jitwasslulhom.

Artikolu 4

Emittenti tal-identifikazzjoni li għandhom il-kompetenza jiġġeneraw u joħorġu identifikaturi uniċi

1. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk immanifatturati fl-Unjoni, l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jkun l-entità maħtura għall-Istat Membru li fih jiġu mmanifatturati l-prodotti.

▼B

B'deroga mill-ewwel sottoparagrafu, l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jkun l-entità maħtura għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħdu l-prodotti f'każ li dak l-Istat Membru jkun jimponi t-tali rekwiżit.

2. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk importati fl-Unjoni, l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jkun l-entità maħtura għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu jitqiegħdu l-prodotti.

3. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk aggregati fl-Unjoni, l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jkun l-entità maħtura għall-Istat Membru li fih jiġu aggregati l-prodotti.

4. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk maħsubin għall-esportazzjoni, l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jkun l-entità maħtura għall-Istat Membru li fih jiġu mmanifatturati l-prodotti.

5. F'każ li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti jkun nieqes għal perjodu temporanju, il-Kummissjoni tista' tawtorizza lill-operaturi ekonomiċi jużaw is-servizzi ta' emittent tal-identifikazzjoni ieħor li jkun inħatar skont l-Artikolu 3.

Artikolu 5

Validità tal-identifikaturi uniċi u d-diżattivazzjoni

1. L-identifikaturi uniċi li jiġġeneraw l-emittenti tal-identifikazzjoni jistgħu jintużaw biex jiġu mmarkati l-pakketti individwali jew biex jiġi mmarkat l-imballaġġ aggregat, kif previst fl-Artikoli 6 u 10, fi żmien massimu ta' sitt xhur mid-data meta l-operatur ekonomiku jirċevihom. Wara dan il-perjodu taż-żmien, l-identifikaturi uniċi ma għandhomx jibqgħu validi u l-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li dawn ma jintużawx biex jiġu mmarkati l-pakketti individwali jew biex jiġi mmarkat l-imballaġġ aggregat.

2. Is-sistema ta' repożitorji għandha tiżgura li l-identifikaturi uniċi li ma jkunux intużaw fil-perjodu ta' sitt xhur imsemmi fil-paragrafu 1 jiġu diżattivati b'mod awtomatiku.

3. Il-manifatturi u l-importaturi jistgħu jiksbu d-diżattivazzjoni tal-identifikaturi uniċi fi kwalunkwe mument billi jibagħtu talba għad-diżattivazzjoni lir-repożitorju primarju rilevanti. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn jistgħu jiksbu d-diżattivazzjoni tal-identifikaturi uniċi billi jibagħtu talba għad-diżattivazzjoni permezz tar-router. It-talba għad-diżattivazzjoni għandha ssir b'mod elettroniku, skont l-Artikolu 36, u għandu jkun fiha l-informazzjoni mniżżla fil-punt 2.3 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt. Id-diżattivazzjoni ma għandhiex tfixkel l-integrità tal-informazzjoni li tkun diġà nħażnet b'rabta mal-identifikatur uniku.

TAQSIMA 2

L-identifikaturi uniċi fil-livell tal-pakketti individwali

Artikolu 6

Immarkar permezz ta' identifikaturi uniċi (UIs) tal-livell tal-pakketti individwali

1. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jimmarkaw kull pakkett individwali mmanifatturat fl-Unjoni jew importat fiha b'identifikatur uniku li jikkonforma mal-Artikolu 8 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-UI tal-livell tal-pakketti individwali").

▼B

2. Fil-każ tal-prodotti tat-tabakk immanifatturati barra l-Unjoni, l-UI tal-livell tal-pakketti individwali għandu jiġi applikat fuq il-pakkett individwali qabel ma l-prodott tat-tabakk jiġi importat fl-Unjoni.

Artikolu 7

Verifika tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali

1. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li eżatt wara li jiġu applikati l-UIs tal-livell tal-pakketti individwali, jiġi vverifikat li dawk l-UIs tal-livell tal-pakketti individwali jkunu ġew applikati tajjeb u jkunu jistgħu jinqraw sew.

2. Il-proċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jitħares permezz ta' apparat għal kontra t-tbagħbis li tfornih u tinstallah parti terza indipendenti, li għandha tagħti dikjarazzjoni lill-Istati Membri rilevanti u lill-Kummissjoni dwar il-fatt li l-apparat installat jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

3. Meta l-proċess imsemmi fil-paragrafu 1 jonqos milli jikkonferma li l-UI tal-livell tal-pakketti individwali jkun ġie applikat sewwa u jista' jinqara għalkollox, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jerġgħu japplikaw l-UI tal-livell tal-pakketti individwali.

4. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li jirreġistra l-apparat għal kontra t-tbagħbis tibqa' disponibbli għal perjodu ta' disa' xhur minn meta tiġi rreġistrata.

5. Fuq talba tal-Istati Membri, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jipprovdulhom aċċess sħiħ għar-reġistru tal-proċess tal-verifika li jkun ħoloq l-apparat għal kontra t-tbagħbis.

6. B'deroga mill-paragrafi 2, 4 u 5, l-obbligu li jiġi installat apparat għal kontra t-tbagħbis ma għandux japplika:

(a) sal-20 ta' Mejju 2020 għall-proċessi tal-produzzjoni li jużawhom l-operaturi ekonomiċi, jew il-grupp ta' impriżi li jkunu jiffurmaw parti minnu, skont il-każ, li jkunu ttrattaw inqas minn 120 miljun UI tal-livell tal-pakketti individwali fil-livell tal-Unjoni fis-sena kalendarja tal-2019;

(b) sal-20 ta' Mejju 2021 għall-proċessi tal-produzzjoni li jużawhom l-operaturi ekonomiċi li jidħlu fid-definizzjoni tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([1]); u

(c) għall-proċessi tal-produzzjoni li jsiru għalkollox bl-idejn.

Artikolu 8

Struttura tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali

1. Kull pakkett individwali tal-prodotti tat-tabakk għandu jkun immarkat b'UI tal-livell tal-pakketti individwali. Dan għandu jkun magħmul minn sensiela ta' karattri alfanumeriċi li tkun qasira kemm jista' jkun u li ma jkunx fiha iktar minn 50 karattru. Is-sensiela għandha tkun unika għal pakkett individwali partikulari u għandha tkun magħmula mill-elementi tad-dejta li ġejjin:

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-mikrointrapriżi, tal-intrapriżi ż-żgħar u tal-intrapriżi ta' daqs medju [traduzzjoni mhix uffiċjali] (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

▼B

(a) fl-ewwel parti, il-karattri alfanumeriċi li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni assenjat skont l-Artikolu 3(4);

(b) sensiela ta' karattri alfanumeriċi li ftit li xejn ikun hemm probabbiltà li tkun tista' tinqata' u li, fi kwalunkwe każ, ikollha din il-probabbiltà f'livell inqas minn wieħed f'għaxart elef (minn hawn 'il quddiem imsejħa "in-numru tas-serje");

(c) kodiċi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kodiċi tal-prodott") li jippermetti li jiġu stabbiliti l-affarijiet li ġejjin:

(i) il-post tal-manifattura;

(ii) l-istabbiliment tal-manifattura msemmi fl-Artikolu 16;

(iii) il-magna li ntużat biex jiġu mmanifatturati l-prodotti tat-tabakk imsemmija fl-Artikolu 18;

(iv) id-deskrizzjoni tal-prodott;

(v) is-suq li fih hemm il-ħsieb li jsir il-bejgħ bl-imnut;

(vi) ir-rotta tal-konsenja li hemm il-ħsieb li tintuża;

(vii) fejn ikun japplika, l-importatur fl-Unjoni;

(d) fl-aħħar parti, il-kronogramma fil-forma ta' sensiela ta' numri magħmula minn tmien karattri, fil-format SSXXJJss, li tindika d-data u l-ħin tal-manifattura.

2. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandu jkollhom ir-responsabbiltà jiġġeneraw kodiċi li jkun magħmul mill-elementi mniżżlin fil-paragrafu 1(a), (b) u (c).

3. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom iżidu l-kronogramma msemmija fil-paragrafu 1(d) mal-kodiċi li l-emittenti tal-identifikazzjoni jkunu ġġeneraw skont il-paragrafu 2.

4. L-UIs tal-livell tal-pakketti individwali ma għandux ikun fihom elementi tad-dejta oħrajn minbarra dawk imniżżlin fil-paragrafu 1.

F'każ li l-emittenti tal-identifikazzjoni jużaw il-kriptaġġ jew il-kompressjoni biex jiġġeneraw l-UIs tal-livell tal-pakketti individwali, huma għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni bl-algoritmi użati għat-tali kriptaġġ jew għat-tali kompressjoni. L-UIs tal-livell tal-pakketti individwali ma għandhomx jerġgħu jintużaw.

Artikolu 9

Talba għall-UIs tal-livell tal-pakketti individwali u ħruġ tagħhom

1. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu talba lill-emittenti tal-identifikazzjoni kompetenti għall-UIs tal-livell tal-pakketti individwali msemmijin fl-Artikolu 8. It-talbiet għandhom isiru b'mod elettroniku, skont l-Artikolu 36.

2. Il-manifatturi u l-importaturi li jkunu qed jagħmlu t-tali talba għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 2.1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

3. Fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin, fl-ordni mogħtija:

(a) jiġġenera l-kodiċijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2);

▼B

(b) jibgħat, permezz tar-router, il-kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, lir-repożitorju primarju tal-manifattur jew tal-importatur li jkun għamel it-talba, kif stabbilit skont l-Artikolu 26; u

(c) jibgħat, b'mod elettroniku, il-kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba.

4. Madankollu, Stat Membru jista' jitlob lill-emittenti tal-identifikazzjoni joffru l-konsenja fiżika tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali bħala alternattiva għall-konsenja tagħhom b'mod elettroniku. Meta tiġi offruta l-konsenja fiżika tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jispeċifikaw jekk hux qed jitolbu konsenja fiżika jew le. F'dak il-każ, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin, fl-ordni li ġejja:

(a) jiġġenera l-kodiċijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2);

(b) jibgħat, permezz tar-router, il-kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, lir-repożitorju primarju tal-manifattur jew tal-importatur li jkun għamel it-talba, kif stabbilit skont l-Artikolu 26;

(c) jagħti l-kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba fil-forma ta' barcodes ottiċi, konformi mal-Artikolu 21, li jkunu mpoġġijin fuq portaturi fiżiċi, bħal tikketti li jeħlu.

5. Fi żmien jum wieħed tax-xogħol, il-manifatturi u l-importaturi jistgħu jħassru talba li jkunu għamlu skont il-paragrafu 1 permezz ta' messaġġ ta' sejħa lura, kif iddefinit iktar fil-punt 5 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

TAQSIMA 3

L-identifikaturi uniċi fil-livell tal-pakketti aggregati

Artikolu 10

Immarkar permezz ta' UIs tal-livell tal-pakketti aggregati

1. Meta l-operaturi ekonomiċi jagħżlu li jikkonformaw mal-obbligi tar-reġistrazzjoni previsti fl-Artikolu 15(5) tad-Direttiva 2014/40/UE billi jirreġistraw l-imballaġġ aggregat, huma għandhom jimmarkaw il-pakketti aggregati li jkun fihom il-prodotti tat-tabakk b'identifikatur uniku (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-UI tal-livell tal-pakketti aggregati").

2. L-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati għandhom jiġu ġġenerati u jinħarġu abbażi ta' talba lill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti jew inkella direttament mill-operatur ekonomiku nnifsu.

3. Meta l-UI tal-livell tal-pakketti aggregati jiġi ġġenerat abbażi ta' talba lill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti, dan għandu jikkonforma mal-istruttura stabbilita fl-Artikolu 11(1).

4. Meta l-UI tal-livell tal-pakketti aggregati jiġi ġġenerat direttament mill-operatur ekonomiku nnifsu, dan għandu jkun magħmul minn kodiċi tal-unità individwali ġġenerat skont l-istandard tal-ISO/IEC 15459-1:2014 jew l-istandard tal-ISO/IEC 15459-4:2014 jew l-aktar standards ekwivalenti riċenti tagħhom.

▼B

Artikolu 11

Struttura tal-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati li jiġġeneraw l-emittenti tal-identifikazzjoni

1. Fil-każ ta' UI tal-livell tal-pakketti aggregati li jiġi ġġenerat abbażi ta' talba lill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti, l-istruttura ta' dan l-UI għandha tkun magħmula minn sensiela ta' karattri alfanumeriċi li ma jkunx fiha iktar minn 100 karattru u li tkun unika għal pakkett aggregat partikulari, u għandha tkun magħmula mill-elementi tad-dejta li ġejjin:

(a) fl-ewwel parti, il-karattri alfanumeriċi li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni assenjat skont l-Artikolu 3(4);

(b) sensiela ta' karattri alfanumeriċi li ftit li xejn ikun hemm probabbiltà li tkun tista' tinqata' u li, fi kwalunkwe każ, ikollha din il-probabbiltà f'livell inqas minn wieħed f'għaxart elef (minn hawn 'il quddiem imsejħa "in-numru tas-serje");

(c) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment (kif stabbilit fl-Artikolu 16) tal-istabbiliment li fih seħħ il-proċess tal-aggregazzjoni;

(d) fl-aħħar parti, il-kronogramma fil-forma ta' sensiela ta' numri magħmula minn tmien karattri, fil-format SSXXJJss, li tindika d-data u l-ħin tal-aggregazzjoni.

2. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandu jkollhom ir-responsabbiltà jiġġeneraw kodiċi li jkun magħmul mill-elementi mniżżlin fil-paragrafu 1(a), (b) u (c).

3. L-operaturi ekonomiċi għandhom iżidu l-kronogramma msemmija fil-paragrafu 1(d) mal-kodiċi li l-emittenti tal-identifikazzjoni jkunu ġġeneraw skont il-paragrafu 2.

4. L-operatur ekonomiku jista' jżid iktar informazzjoni mal-UI tal-livell tal-pakketti aggregati, dejjem jekk il-limitu massimu ta' karattri stabbilit fil-paragrafu 1 ma jinqabiżx. Kull informazzjoni miżjuda ta' dan it-tip tista' titpoġġa biss wara d-dejta msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 12

Konnessjoni bejn il-livelli tal-UIs

1. L-UI tal-livell tal-pakketti aggregati għandu jkun kapaċi jidentifika l-lista tal-identifikaturi uniċi kollha li jinsabu fl-imballaġġ aggregat permezz ta' konnessjoni għas-sistema ta' repożitorji li tkun aċċessibbli b'mod elettroniku.

▼C1

2. Sabiex tiġi stabbilita l-konnessjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.2 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, lir-repożitorju primarju tagħhom.

3. Sabiex tiġi stabbilita l-konnessjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi li ma jkunux manifatturi u importaturi għandhom jibagħtu, permezz tar-router, l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.2 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, lir-repożitorju sekondarju.

▼B

Artikolu 13

Talba għall-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati li jiġġeneraw l-emittenti tal-identifikazzjoni u ħruġ tagħhom

1. L-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jitolbu lill-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti joħorġilhom UIs tal-livell tal-pakketti aggregati permezz ta' talba għal dan, għandhom jagħmlu t-tali talbiet b'mod elettroniku, skont l-Artikolu 36.

2. L-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jagħmlu t-tali talbiet għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 2.2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

3. Fil-każ tal-manifatturi u tal-importaturi, fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin, fl-ordni mogħtija:

(a) jiġġenera l-kodiċi msemmi fl-Artikolu 11(2);

(b) jibgħat, permezz tar-router, il-kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, lir-repożitorju primarju tal-manifattur jew tal-importatur li jkun għamel it-talba, kif stabbilit skont l-Artikolu 26; u

(c) jibgħat, b'mod elettroniku, il-kodiċijiet lill-manifattur jew lill-importatur li jkun għamel it-talba.

4. Fil-każ ta' operaturi ekonomiċi oħrajn, minbarra l-manifatturi u l-importaturi, fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jagħmel l-affarijiet li ġejjin, fl-ordni mogħtija:

(a) jiġġenera l-kodiċi msemmi fl-Artikolu 11(2);

▼C1

(b) jibgħat, permezz tar-router, il-kodiċijiet, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, lir-repożitorju sekondarju stabbilit skont l-Artikolu 27; u

▼B

(c) jibgħat, b'mod elettroniku, il-kodiċijiet lill-operaturi ekonomiċi li jkunu għamlu t-talba.

5. Fi żmien jum wieħed tax-xogħol, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jħassru talba li jkunu għamlu skont il-paragrafu 1 permezz ta' messaġġ ta' sejħa lura, kif definit iktar fil-punt 5 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

6. L-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati li jkunu ħarġu l-emittenti tal-identifikazzjoni kompetenti ma għandhomx jerġgħu jintużaw.

KAPITOLU III

IL-KODIĊIJIET TA' IDENTIFIKAZZJONI TAL-OPERATURI EKONOMIĊI, TAL-ISTABBILIMENTI U TAL-MAGNI

Artikolu 14

Talba għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku

1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti talbejgħ bl-imnut għandhom japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku għand l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għal kull Stat Membru li fih iħaddmu tal-inqas stabbiliment wieħed. L-importaturi għandhom japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni għand l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għal kull Stat Membru li fis-suq tiegħu jqiegħdu l-prodotti tagħhom.

▼B

2. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li jkunu qed jagħmlu talba skont il-paragrafu 1 għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 1.1 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

3. Fil-każ tal-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, l-obbligu li japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku jista' jintlaħaq ukoll minn kwalunkwe operatur ekonomiku rreġistrat ieħor. It-tali reġistrazzjoni min-naħa ta' parti terza għandha ssir bil-kunsens tal-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut. Il-parti terza għandha tavża lill-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut bid-dettalji kollha tar-reġistrazzjoni, inkluż bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku allokat.

4. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom javżaw lill-emittent tal-identifikazzjoni b'kull kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku li jkunu allokawlhom emittenti tal-identifikazzjoni oħrajn. Jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli fil-mument tar-reġistrazzjoni, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovduha sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol minn meta jirċievu l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku li jkun allokalhom emittent tal-identifikazzjoni ieħor.

5. L-operatur rilevanti għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull waqfien fil-ħidma tiegħu, fil-formati mogħtija fil-punti 1.2 u 1.3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

Artikolu 15

Ħruġ tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi u reġistrazzjoni tagħhom

1. Malli l-emittent tal-identifikazzjoni jirċievi talba skont l-Artikolu 14, huwa għandu jiġġenera kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku li jkun magħmul mill-elementi tad-dejta li ġejjin, li għandhom jitqiegħdu fl-ordni li ġejja:

(a) fl-ewwel parti, il-karattri alfanumeriċi li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni assenjat skont l-Artikolu 3(4); u

(b) fit-tieni parti, sensiela ta' karattri alfanumeriċi li hija unika fil-ġabra ta' kodiċijiet tal-emittent tal-identifikazzjoni.

2. Fi żmien jumejn tax-xogħol, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jibgħat il-kodiċi lill-operatur li jkun għamel it-talba.

3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 14(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha, għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat.

4. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-emittent tal-identifikazzjoni jiddiżattiva kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom. Fit-tali każijiet, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-operatur ekonomiku jew lill-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut bid-diżattivazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għal dan. Id-diżattivazzjoni ta' kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku għandha twassal għad-diżattivazzjoni awtomatika tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-istabbilimenti u tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-magni marbutin miegħu.

▼B

5. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom jiskambjaw l-informazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi rispettivi tagħhom bejniethom, sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jirreġistraw u jibagħtu l-informazzjoni marbuta mat-tranżazzjonijiet, kif previst fl-Artikolu 33.

Artikolu 16

Talba għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment

1. L-istabbilimenti kollha, minn dawk tal-manifattura sal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, għandhom jiġu identifikati b'kodiċi li jiġġenerah l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għat-territorju fejn ikun jinsab l-istabbiliment (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment").

2. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment billi jibagħtu lill-emittent tal-identifikazzjoni l-informazzjoni mniżżla fil-punt 1.4 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

3. Fil-każ tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut, huwa obbligu tal-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut li japplika għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment. Dan l-obbligu jista' jintlaħaq ukoll minn kwalunkwe operatur ekonomiku rreġistrat ieħor, li jista' jaġixxi f'isem l-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut. Ir-reġistrazzjoni min-naħa ta' parti terza għandha ssir bil-kunsens tal-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut. Il-parti terza għandha tavża lill-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut bid-dettalji kollha tar-reġistrazzjoni, inkluż bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment allokat.

4. Fil-każ tal-istabbilimenti tal-manifattura li jkunu jinsabu barra l-Unjoni, huwa obbligu tal-importatur stabbilit fl-Unjoni li japplika għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment għalihom. L-importatur għandu japplika għand wieħed mill-emittenti tal-identifikazzjoni li jkunu nħatru għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu huwa jqiegħed il-prodotti tiegħu. Ir-reġistrazzjoni min-naħa tal-importatur għandha ssir bil-kunsens tal-entità li tkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz. L-importatur għandu javża lill-operatur ekonomiku li jkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz bid-dettalji kollha tar-reġistrazzjoni, inkluż bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment allokat.

5. L-operatur ekonomiku għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull għeluq tal-istabbiliment, fil-formati mogħtija fil-punti 1.5 u 1.6 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

Artikolu 17

Ħruġ tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-istabbilimenti u reġistrazzjoni tagħhom

1. Malli l-emittent tal-identifikazzjoni jirċievi talba skont l-Artikolu 16, huwa għandu jiġġenera kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment li jkun magħmul mill-elementi tad-dejta li ġejjin, li għandhom jitqiegħdu fl-ordni li ġejja:

(a) fl-ewwel parti, il-karattri alfanumeriċi li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni assenjat skont l-Artikolu 3(4); u

▼B

(b) fit-tieni parti, sensiela ta' karattri alfanumeriċi li hija unika fil-ġabra ta' kodiċijiet tal-emittent tal-identifikazzjoni.

2. Fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta jirċievi t-talba, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jibgħat il-kodiċi lill-operatur li jkun għamel it-talba.

3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 16(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha, għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni kompetenti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat.

4. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-emittent tal-identifikazzjoni jiddiżattiva kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment. Fit-tali każijiet, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-operatur ekonomiku jew lill-operatur tal-ewwel stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut bid-diżattivazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għal dan. Id-diżattivazzjoni ta' kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment għandha twassal għad-diżattivazzjoni awtomatika tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-magni marbutin miegħu.

▼C1

5. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi tal-ewwel stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut għandhom jiskambjaw bejniethom l-informazzjoni dwar il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-istabbilimenti rispettivi tagħhom, sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jirreġistraw u jibagħtu l-informazzjoni dwar il-movimenti tal-prodotti, kif previst fl-Artikolu 32.

▼B

Artikolu 18

Talba għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna

1. Kull magna għandha tiġi identifikata b'kodiċi li jiġġenerah l-emittent tal-identifikazzjoni li jkun kompetenti għat-territorju fejn tkun tinsab il-magna (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna").

2. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom japplikaw għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna billi jibagħtu lill-emittent tal-identifikazzjoni l-informazzjoni mniżżla fil-punt 1.7 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt.

3. Fil-każ tal-magni li jkunu jinsabu fi stabbilimenti tal-manifattura li jkunu barra l-Unjoni, huwa obbligu tal-importatur stabbilit fl-Unjoni li japplika għal kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna b'rabta magħhom. L-importatur għandu japplika għand wieħed mill-emittenti tal-identifikazzjoni li jkunu nħatru għall-Istat Membru li fis-suq tiegħu huwa jqiegħed il-prodotti tiegħu. Ir-reġistrazzjoni min-naħa tal-importatur għandha ssir bil-kunsens tal-entità li tkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz. L-importatur għandu javża lill-operatur ekonomiku li jkun responsabbli għall-istabbiliment tal-manifattura li jkun jinsab fil-pajjiż terz bid-dettalji kollha tar-reġistrazzjoni, inkluż bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna allokat.

4. Il-manifattur jew l-importatur għandu javża lill-emittent tal-identifikazzjoni minnufih b'kull bidla fl-informazzjoni li huwa jkun bagħat fil-formola tal-applikazzjoni oriġinali u b'kull dekummissjonar tal-magni rreġistrati, fil-formati mogħtija fil-punti 1.8 u 1.9 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

▼B

Artikolu 19

Ħruġ tal-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-magni u reġistrazzjoni tagħhom

1. Malli l-emittent tal-identifikazzjoni jirċievi talba skont l-Artikolu 18, huwa għandu jiġġenera kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna li jkun magħmul mill-elementi tad-dejta li ġejjin, li għandhom jitqiegħdu fil-pożizzjoni indikata:

(a) fl-ewwel parti, il-karattri alfanumeriċi li jiffurmaw il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-emittent tal-identifikazzjoni assenjat skont l-Artikolu 3(4); u

(b) fit-tieni parti, sensiela ta' karattri alfanumeriċi li hija unika fil-ġabra ta' kodiċijiet tal-emittent tal-identifikazzjoni.

2. Fi żmien jumejn tax-xogħol, l-emittent tal-identifikazzjoni għandu jibgħat il-kodiċi lill-operatur li jkun għamel it-talba.

3. L-informazzjoni kollha li tkun intbagħtet lill-emittent tal-identifikazzjoni skont l-Artikolu 18(2), u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li jikkorrispondu magħha, għandhom jiffurmaw parti minn reġistru li l-emittent tal-identifikazzjoni rilevanti għandu jistabbilixxi, jamministra u jżomm aġġornat.

4. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-emittent tal-identifikazzjoni jiddiżattiva kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna. Fit-tali każijiet, l-Istati Membri għandhom javżaw lill-manifatturi u lill-importaturi bid-diżattivazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għal dan.

Artikolu 20

Trasferiment tal-fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (“offline flat files”) u tar-reġistri

1. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom jistabbilixxu fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (“offline flat files”), kif ukoll reġistri b'rabta mal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 14(2), 16(2) u 18(2), flimkien ma' noti ta' spjega dwar l-istrutturi tagħhom.

2. Il-fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (l-“offline flat files”) ma għandhomx ikunu ikbar minn żewġ gigabytes għal kull emittent tal-identifikazzjoni. Kull linja tal-fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna (tal-“flat files”) għandu jkollha reġistru wieħed b'attributi differenti, isseparati b'separaturi bħal, pereżempju, il-virgoli jew it-tabs.

3. L-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom jiżguraw li, permezz tar-router, tintbagħat kopja aġġornata tal-fajls kollha li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (l-“offline flat files”), tar-reġistri kollha u tan-noti kollha ta' spjega marbutin magħhom lir-repożitorju sekondarju.

4. L-Istati Membri jistgħu jadattaw il-limitu tad-daqs tal-fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (l-“offline flat files”) imsemmi fil-paragrafu 2, filwaqt li jqisu d-daqs medju tal-memorja disponibbli installata fuq l-apparat ta' verifika li jintuża għall-kontrolli tal-identifikaturi uniċi meta l-apparat ma jkunx onlajn, kif ukoll l-għadd ta' emittenti tal-identifikazzjoni b'kollox.

▼B

KAPITOLU IV

IL-PORTATURI TAD-DEJTA

Artikolu 21

Portaturi tad-dejta għall-identifikaturi uniċi

1. L-UIs tal-livell tal-pakketti individwali għandhom jiġu kkodifikati billi jintuża tal-inqas wieħed mit-tipi ta' portaturi tad-dejta li ġejjin:

(a) matriċi tad-dejta li jkun jista' jaqraha apparat ottiku u li jkollha livell ta' detezzjoni u ta' korrezzjoni tal-iżbalji li jkun daqs dak tal-matriċi tad-dejta tat-tip ECC200 jew ikbar minnu. Il-barcodes li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO/IEC 16022:2006 għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt;

(b) kodiċi QR li jkun jista' jaqrah apparat ottiku u li jkollu kapaċità ta' rkupru ta' madwar 30 %. Il-barcodes li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO/IEC 18004:2015 u li jkollhom il-livell H ta' korrezzjoni tal-iżbalji għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt;

(c) kodiċi tat-tip "DotCode" li jkun jista' jaqrah apparat ottiku u li jkollu livell ta' detezzjoni u ta' korrezzjoni tal-iżbalji li jkun daqs dak li jagħti l-algoritmu Reed-Solomon għall-korrezzjoni tad-dejta bl-għadd ta' karattri ta' kontroll (NC) li jkun ta' tlieta miżjud bl-għadd ta' karattri tad-dejta (ND) diviż bi tnejn (jiġifieri NC = 3 + ND/2), jew li jkun ikbar minn dan il-livell. Il-barcodes li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tas-simboloġija tal-kodiċijiet tat-tip "DotCode" tas-sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, ippubblikata (f'Awwissu tal-2014 bħala r-reviżjoni numru 3.0) mill-Assoċjazzjoni għall-Identifikazzjoni Awtomatika u l-Mobbiltà (fil-qosor imsejħa "l-AIM"), għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

2. Fil-każ ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali kkonsenjati b'mod elettroniku, il-manifatturi u l-importaturi għandhom ir-responsabbiltà jikkodifikaw l-UIs tal-livell tal-pakketti individwali skont il-paragrafu 1.

3. Fil-każ ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali kkonsenjati b'mod fiżiku, l-emittenti tal-identifikazzjoni għandhom ir-responsabbiltà jikkodifikaw il-kodiċijiet iġġenerati skont l-Artikolu 8(2) skont il-paragrafu 1.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, il-manifatturi u l-importaturi jistgħu jżidu l-kronogramma b'mod separat mill-portatur tad-dejta, fil-format SSXXJJss, bħala kodiċi li jinqara mill-bniedem.

5. L-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati għandhom jikkodifikawhom l-operaturi ekonomiċi billi jużaw tal-inqas wieħed mit-tipi ta' portaturi tad-dejta li ġejjin:

(a) matriċi tad-dejta li jkun jista' jaqraha apparat ottiku u li jkollha livell ta' detezzjoni u ta' korrezzjoni tal-iżbalji li jkun daqs dak tal-matriċi tad-dejta tat-tip ECC200 jew ikbar minnu. Il-barcodes li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO/IEC 16022:2006 għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt;

(b) kodiċi QR li jkun jista' jaqrah apparat ottiku u li jkollu kapaċità ta' rkupru ta' madwar 30 %. Il-barcodes li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO/IEC 18004:2015 u li jkollhom il-livell H ta' korrezzjoni tal-iżbalji għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt;

▼B

(c) kodiċi tat-tip 128 li jkun jista' jaqrah apparat ottiku u li jkollu livell ta' detezzjoni tal-iżbalji li jkun daqs dak li jagħti l-algoritmu bbażat fuq il-paritá tal-karattri bejn in-numri farrada u mhux u bejn l-iżbarri u l-ispazji u fuq il-karattru ta' kontroll, jew li jkun ikbar minn dan il-livell. Il-barcodes li jikkonformaw mal-istandard tal-ISO/IEC 15417:2007 għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt.

6. Sabiex jiddistingwu l-portaturi tad-dejta li jissemmew fil-paragrafi 1 u 5 minn kull portatur ieħor tad-dejta li jista' jkun tpoġġa fuq il-pakketti individwali jew fuq l-imballaġġ aggregat, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jżidu l-marka "TTT" ħdejn it-tali portaturi tad-dejta.

Artikolu 22

Kwalità tal-portaturi ottiċi tad-dejta

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-portaturi ottiċi tad-dejta jkunu jistgħu jinqraw sew ħafna. Kwalità tal-portaturi ottiċi tad-dejta li tkun tal-inqas ta' 3.5 skont l-istandard tal-ISO/IEC 15415:2011 fil-każ tal-portaturi tad-dejta bidimensjonali, jew li tkun skont l-istandard tal-ISO/IEC 15416:2016 fil-każ tas-simboli lineari għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-portaturi ottiċi tad-dejta jkunu kapaċi jibqgħu jinqraw għal tal-inqas ħames snin minn meta jinħolqu.

Artikolu 23

Kodiċi li jinqara mill-bniedem

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li kull portatur tad-dejta jkun fih kodiċi li jinqara mill-bniedem li jippermetti aċċess elettroniku għall-informazzjoni marbuta mal-identifikaturi uniċi li tkun maħżuna fis-sistema ta' repożitorji.

2. Meta d-daqs tal-imballaġġ ikun jippermetti dan, il-kodiċi li jinqara mill-bniedem għandu jitpoġġa ħdejn il-portatur ottiku tad-dejta li jkun fih l-identifikatur uniku.

KAPITOLU V

IS-SISTEMA TA' REPOŻITORJI

Artikolu 24

Komponenti tas-sistema ta' repożitorji

1. Is-sistema ta' repożitorji għandha tkun magħmula mis-sottosistemi li ġejjin:

(a) repożitorji li huma stabbiliti sabiex fihom tinħażen id-dejta marbuta mal-prodotti tat-tabakk ta' manifatturi u importaturi individwali (imsejħin "repożitorji primarji");

(b) repożitorju li jkun fih kopja tad-dejta kollha maħżuna fis-sistema ta' repożitorji primarji (imsejjaħ "repożitorju sekondarju");

▼B

(c) servizz ta' router (imsejjaħ "router") li jistabbilih u jamministrah il-fornitur tas-sistema tar-repożitorju sekondarju.

2. Is-sottosistemi li jissemmew fil-paragrafu 1 għandhom ikunu interoperabbli għalkollox ma' xulxin, irrispettivament mill-fornitur tas-servizzi li jintuża.

Artikolu 25

Karatteristiċi ġenerali tas-sistema ta' repożitorji

1. Is-sistema ta' repożitorji għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) hija għandha tippermetti l-integrazzjoni funzjonali tagħha fis-sistema ta' traċċabbiltà, kif ukoll l-iskambju elettroniku kontinwu tad-dejta bejnha u bejn il-komponenti rilevanti l-oħrajn tas-sistema ta' traċċabbiltà;

(b) hija għandha tippermetti l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni, b'mod elettroniku, tal-prodotti tat-tabakk, fil-livell tal-pakketti individwali u fil-livell tal-pakketti aggregati, skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) hija għandha tippermetti d-diżattivazzjoni awtomatika tal-identifikaturi uniċi skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 5;

(d) hija għandha tiżgura li l-informazzjoni li l-operaturi ekonomiċi u l-emittenti tal-identifikazzjoni jirreġistraw u jibagħtulha tasal u tinħażen b'mod elettroniku skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(e) hija għandha tiżgura li d-dejta tinħażen għal perjodu minimu ta' ħames snin minn meta tittella' ġo fiha;

(f) hija għandha tippermetti li jintbagħtu messaġġi awtomatiċi dwar l-istatus lill-operaturi ekonomiċi, u lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, jekk jitolbu dan, bħal fil-każ ta' suċċessi, żbalji jew bidliet b'rabta mal-attivitajiet tar-rappurtar, skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(g) hija għandha tippermetti li jiġu vvalidati b'mod awtomatiku l-messaġġi li jaslu mingħand l-operaturi ekonomiċi, fosthom ir-rifjut tal-messaġġi li ma jkunux korretti jew li ma jkunux kompluti, b'mod partikulari l-attivitajiet tar-rappurtar marbutin ma' identifikaturi uniċi mhux irreġistrati jew iddduplikati, u għandha taħżen l-informazzjoni dwar kull messaġġ li jkun ġie rrifjutat;

(h) hija għandha tiżgura li l-komponenti kollha tagħha jkunu jistgħu jibagħtu messaġġi lil xulxin, li għandu jseħħ b'mod istantanju, skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikulari, dak tal-ħin ġenerali tar-rispons tagħha hija u tibgħat il-messaġġi ta' konferma tar-riċevuta, li ma għandux ikun ta' iktar minn 60 sekonda, mingħajr preġudizzju għall-veloċità tal-konnessjoni tal-Internet tal-utent aħħari;

(i) hija għandha tiżgura li l-komponenti u s-servizzi kollha tagħha jkunu disponibbli b'mod kontinwu, b'ħin tal-operat ta' mill-inqas 99,5 % fix-xahar, u għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed mekkaniżmi ta' backup fis-seħħ;

(j) hija għandu jkollha proċeduri u sistemi ta' sigurtà li jħarsuha u jiżguraw li d-dritt ta' aċċess għar-repożitorji u ta' tniżżil tad-dejta maħżuna fihom jingħata biss lill-persuni awtorizzati skont dan ir-Regolament;

▼B

(k) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess għaliha. L-amministraturi nazzjonali maħturin mill-Istati Membri u mis-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jingħataw drittijiet tal-aċċess li jippermettulhom joħolqu, jamministraw u jirtiraw id-drittijiet tal-aċċess tal-utenti għar-repożitorji u għall-ħidmiet relatati stipulati f'dan il-Kapitolu permezz ta' interfaċċja grafika għall-ġestjoni tal-utenti. ►C1 Il-modi ta' aċċess għall-interfaċċja grafika għall-ġestjoni tal-utenti għandha tkun kompatibbli mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, b'mod partikolari s-soluzzjonijiet rilevanti li jistgħu jerġgħu jintużaw li jiġu pprovduti bħala moduli fil-kuntest tal-parti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa marbuta mat-telekomunikazzjoni. ◄ L-amministraturi nazzjonali maħturin mill-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu drittijiet sussegwenti tal-aċċess lil utenti oħrajn li jkunu fir-responsabbiltà tagħhom;

(l) is-sistema għandha tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jniżżlu settijiet sħaħ jew magħżulin tad-dejta li tkun maħżuna f'repożitorju;

(m) hija għandha żżomm rekord sħiħ (imsejjaħ "rendikont tal-entrati") tal-ħidmiet kollha marbutin mad-dejta maħżuna tal-utenti li jkunu qed iwettqu dawk il-ħidmiet u tan-natura ta' dawk il-ħidmiet, fosthom l-istorja tal-aċċess tal-utenti. Ir-rendikont tal-entrati għandu jinħoloq meta d-dejta tittella' għall-ewwel darba fis-sistema u għandu jinżamm tal-inqas għal ħames snin minn dik id-data, minkejja kull rekwiżit nazzjonali ieħor li jista' jkun hemm.

2. Id-dejta maħżuna fis-sistema ta' repożitorji għandha tintuża biss għall-għanijiet li jissemmew fid-Direttiva 2014/40/UE u f'dan ir-Regolament.

Artikolu 26

Repożitorji primarji

1. Kull manifattur u importatur għandu jiżgura li jiġi stabbilit repożitorju primarju. Għal dak il-għan, kull manifattur u importatur għandu jqabbad fornitur li jkun parti terza indipendenti, skont ir-rekwiżiti kuntrattwali stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/573 ([1]). Il-parti terza indipendenti għandha tingħażel skont ir-regoli proċedurali stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I.

2. Kull repożitorju primarju għandu jilqa' fih biss l-informazzjoni marbuta mal-prodotti tat-tabakk tal-manifattur jew tal-importatur li jkun qabbad lill-fornitur jipprovdi dak ir-repożitorju.

3. Kull meta r-repożitorju primarju jirċievi dejta abbażi ta' attività tar-rappurtar jew għal raġuni permessa oħra, dan għandu jibgħatha mill-ewwel lir-repożitorju sekondarju.

4. Huma u jibagħtu d-dejta kollha li jirċievu lir-repożitorju sekondarju, ir-repożitorji primarji għandhom jużaw il-format tad-dejta u l-modalitajiet tal-iskambju tad-dejta speċifikati mir-repożitorju sekondarju.

5. Ir-repożitorji primarji għandhom jaħżnu d-dejta skont id-dizzjunarju tad-dejta komuni pprovdut mir-repożitorju sekondarju.

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/573 tal-15 ta' Diċembru 2017 dwar l-elementi ewlenin tal-kuntratti tal-ħżin tad-dejta li għandhom jiġu konklużi bħala parti minn sistema ta' traċċabbiltà għall-prodotti tat-tabakk (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

6. L-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-awdituri esterni li tkun approvat il-Kummissjoni għandhom ikunu jistgħu jwettqu tiftixiet bażiċi marbutin mad-dejta kollha li tkun maħżuna f'repożitorju primarju.

Artikolu 27

Repożitorju sekondarju

1. Għandu jiġi stabbilit repożitorju sekondarju wieħed li jkun fih kopja tad-dejta kollha maħżuna fir-repożitorji primarji. L-operatur tar-repożitorju sekondarju għandu jinħatar minn fost il-forniturі tar-repożitorji primarji skont il-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness I.

2. Ir-repożitorju sekondarju għandu jipprevedi interfaċċji tal-utent grafiċi u mhux grafiċi li jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaċċessaw id-dejta maħżuna fis-sistema ta' repożitorji u jfittxu fiha, billi jużaw il-funzjonijiet kollha tat-tiftix fil-bażijiet tad-dejta disponibbli b'mod komuni, u b'mod partikulari billi jwettqu l-ħidmiet li ġejjin mill-bogħod:

(a) l-irkupru tal-informazzjoni kollha dwar identifikatur uniku wieħed jew dwar diversi identifikaturi uniċi, fosthom it-tqabbil u l-kontroverifika ta' diversi identifikaturi uniċi u tal-informazzjoni marbuta magħhom, b'mod partikulari fejn jinsabu fil-katina tal-provvista;

(b) il-ħolqien ta' listi u ta' statistika, bħall-istokkijiet tal-prodotti u l-għadd ta' prodotti li jidħlu ġo stabbiliment u li joħorġu minnu, b'rabta ma' element wieħed jew ma' diversi elementi tal-informazzjoni tar-rappurtar li huma mniżżlin bħala attributi tad-dejta fl-Anness II;

(c) l-identifikazzjoni tal-prodotti kollha tat-tabakk li operatur ekonomiku rrapporta lis-sistema, fosthom tal-prodotti rrappurtati bħala prodotti li ssejħu lura, li ġew irtirati, li nsterqu, li huma neqsin jew li hemm il-ħsieb li jinqerdu.

3. L-interfaċċji tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jippermettu lil kull Stat Membru u lill-Kummissjoni jispeċifikaw regoli individwali għall-affarijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' twissijiet awtomatiċi abbażi ta' eċċezzjonijiet u ta' avvenimenti speċifiċi tar-rappurtar, bħall-varjazzjonijiet jew l-irregolaritajiet f'daqqa waħda fil-kummerċ, it-tentattivi biex jiddaħħlu identifikaturi uniċi dduplikati fis-sistema, id-diżattivazzjoni tal-identifikaturi msemmija fl-Artikoli 15(4), 17(4) u 19(4), u l-indikazzjoni minnaħa tal-operaturi ekomomiċi li prodott insteraq jew li dan huwa nieqes;

(b) l-irċevuta ta' rapporti perjodiċi bbażati fuq kull kombinazzjoni tal-elementi tal-informazzjoni tar-rappurtar li huma mniżżlin bħala attributi tad-dejta fl-Anness II.

4. It-twissijiet awtomatiċi u r-rapporti perjodiċi li jissemmew fil-paragrafu 3 għandhom jintbagħtu fl-indirizzi tar-riċevituri li jkunu indikaw l-Istati Membri u l-Kummissjoni, bħall-indirizzi tal-posta elettronika individwali u/jew l-indirizzi tal-Protokoll tal-Internet (l-indirizzi IP) li jkunu indirizzi ta' sistemi esterni li l-awtoritajiet nazzjonali jew il-Kummissjoni jkunu jużaw u jamministraw.

▼B

5. L-interfaċċji tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħmlu kollegament mill-bogħod mad-dejta maħżuna fis-sistema ta' repożitorji bis-softwer analitiku li jagħżlu huma.

6. L-interfaċċji tal-utent li jissemmew fil-paragrafu 2 għandhom jiġu pprovduti bil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

7. Mingħajr preġudizzju għall-veloċità tal-konnessjoni tal-Internet tal-utent aħħari, il-ħin ġenerali tar-rispons tar-repożitorju għal kull mistoqsija speċifika jew għal kull skattatur tat-twissija speċifiku ma għandux ikun ta' iktar minn 5 sekondi fil-każ ta' dejta li tkun ilha maħżuna inqas minn sentejn, u ta' iktar minn 10 sekondi fil-każ ta' dejta li tkun ilha maħżuna sentejn jew iktar, tal-inqas f'99 % tal-mistoqsijiet u tat-twissijiet awtomatiċi kollha previsti skont il-paragrafi 2 u 3.

8. Il-ħin li jgħaddi minn meta tasal id-dejta tal-attività tar-rappurtar u meta din tkun aċċessibbli fir-repożitorji primarji u sekondarji permezz tal-interfaċċji grafiċi u mhux, ma għandux ikun ta' iktar minn 60 sekonda tal-inqas f'99 % tal-attivitajiet kollha tat-trasferiment tad-dejta.

9. Ir-repożitorju għandu jippermetti li jaslu, li jinħażnu u li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fajls li ma jkollhomx ġerarkija interna li jintużaw offline (“offline flat files”) sabiex jiġi aġġornat l-apparat ta' verifika li l-Istati Membri jużaw biex jiddekowdjaw l-identifikaturi uniċi meta ma jkunux onlajn.

10. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi u jżomm reġistru tal-informazzjoni li tkun ġiet ittrasferita lilu skont l-Artkolu 20(3). Għandu jinżamm rekord tal-informazzjoni maħżuna fir-reġistru sakemm tibqa' taħdem is-sistema ta' traċċabbiltà.

11. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom id-dritt jikkonkludu ftehimiet addizzjonali dwar il-livell ta' servizz mal-fornitur tar-repożitorju sekondarju sabiex dan jitqabbad jagħmel servizzi addizzjonali li mhumiex previsti f'dan ir-Regolament. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju jista' jitlob ħlas li jkun proporzjonat talli jipprovdi t-tali servizzi addizzjonali.

12. Is-servizzi tar-repożitorji pprovduti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu għandhom ikunu kompatibbli mar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u għandhom jippermettu, b'mod partikulari, li jintużaw soluzzjonijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw li jiġu pprovduti bħala moduli fil-kuntest tal-parti tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa marbuta mat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 28

Kompiti ta' koordinazzjoni tal-fornitur tar-repożitorju sekondarju

1. Il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jibgħat lill-fornituri li jkunu qed iħaddmu r-repożitorji primarji, lill-emittenti tal-identifikazzjoni u lill-operaturi ekonomiċi l-lista tal-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-iskambju tad-dejta mar-repożitorju sekondarju u mar-router. L-ispeċifikazzjonijiet kollha għandhom ikunu bbażati fuq standards miftuħin mhux proprjetarji.

Il-lista msemmija fl-ewwel sottoparagrafu għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data meta jingħażel il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju.

▼B

2. Il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi dizzjunarju tad-dejta komuni abbażi tal-informazzjoni mniżżla fl-Anness II. Id-dizzjunarju tad-dejta komuni għandu jirreferi għat-tikketti tal-attributi tad-dejta fil-format li jinqara mill-bniedem. Id-dizzjunarju tad-dejta komuni għandu jintbagħat lill-fornituri li jkunu qed iħaddmu r-repożitorji primarji sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data meta jingħażel il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju.

3. Kull meta jkun hemm bżonn biex ikun żgurat li s-sistema ta' repożitorji taħdem b'mod effettiv skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-fornitur li jkun qed iħaddem ir-repożitorju sekondarju għandu jaġġorna l-lista msemmija fil-paragrafu 1 u d-dizzjunarju tad-dejta komuni msemmi fil-paragrafu 2. Il-fornituri li jkunu qed iħaddmu r-repożitorji primarji għandhom jiġu avżati b'kull aġġornament ta' dan it-tip tal-inqas xahrejn qabel id-data meta l-aġġornament ikun se jiġi implimentat fis-sistema.

Artikolu 29

Router

1. Il-fornitur tar-repożitorju sekondarju għandu jistabbilixxi u jamministra router.

2. L-iskambju tad-dejta bejn ir-router u r-repożitorji primarji u sekondarji għandu jsir billi jintużaw il-format tad-dejta u l-modalitajiet tal-iskambju tad-dejta speċifikati mir-router.

3. L-iskambju tad-dejta bejn ir-router u emittent tal-identifikazzjoni għandu jsir billi jintużaw il-format tad-dejta u l-modalitajiet tal-iskambju tad-dejta speċifikati mir-router.

4. L-operaturi ekonomiċi li ma jkunux manifatturi u importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni rreġistrata skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE u skont dan ir-Regolament lir-router, u dan għandu jibgħatha lir-repożitorju primarju li jintuża mill-manifattur jew mill-importatur li dwar il-prodotti tiegħu qed tintbagħat l-informazzjoni. Kopja ta' dik id-dejta għandha tintbagħat mill-ewwel lis-sistema tar-repożitorju sekondarju.

Artikolu 30

Spejjeż tas-sistema ta' repożitorji

1. Il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk għandhom iġarrbu l-ispejjeż kollha marbutin mas-sistema ta' repożitorji msemmija fl-Artikolu 24(1), fosthom dawk li ġejjin mit-twaqqif, mit-tħaddim u miż-żamma tagħha. Dawk l-ispejjeż għandhom ikunu ġusti, raġonevoli u proporzjonati:

(a) għas-servizzi mogħtija; u

(b) għall-ammont ta' UIs tal-livell tal-pakketti individwali mitlub fuq perjodu partikulari taż-żmien.

2. L-ispejjeż tat-twaqqif, tat-tħaddim u taż-żamma tar-repożitorju sekondarju u tar-router, skont il-każ, għandhom jinġabru mingħand il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk permezz tal-ispejjeż li l-fornituri tar-repożitorji primarji jimponu fuqhom.

▼B

Artikolu 31

Skadenza għat-twaqqif tas-sistema ta' repożitorji

Is-sistema ta' repożitorji għandha tiġi stabbilita u tkun tista' titħaddem għall-għanijiet tal-ittestjar sal-20 ta' Marzu 2019.

KAPITOLU VI

REĠISTRAZZJONI U TRAŻMISSJONI

Artikolu 32

Ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar il-movimenti tal-prodotti u t-trażmissjoni tagħha

1. Sabiex tkun tista' tiġi stabbilita r-rotta tal-konsenja attwali tal-pakketti individwali mmanifatturati fl-Unjoni jew importati fiha, l-operaturi ekonomiċi għandhom jirreġistraw l-avvenimenti li ġejjin:

(a) l-applikar tal-UIs tal-livell tal-pakketti individwali fuq il-pakketti individwali;

(b) l-applikar tal-UIs tal-livell tal-pakketti aggregati fuq l-imballaġġ aggregat;

(c) id-dispaċċ tal-prodotti tat-tabakk minn stabbiliment;

(d) il-wasla tal-prodotti tat-tabakk fi stabbiliment;

(e) it-trasbord.

2. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punti 3.1 sa 3.5 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dawk il-punti, lir-repożitorju primarju li huma jkunu qabbdu. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punti 3.1 sa 3.5 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dawk il-punti, permezz tar-router.

3. Għad-diżaggregazzjoni tal-imballaġġ aggregat immarkat skont l-Artikolu 10(4), f'każ li operatur ekonomiku jkun beħsiebu jerġa' juża UI tal-livell tal-pakketti aggregati f'xi ħidma fil-ġejjieni, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.6 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, lir-repożitorju primarju li huma jkunu qabbdu. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.6 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, permezz tar-router.

4. Fil-każ tal-konsenji lil diversi stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut b'vann għall-bejgħ tal-prodotti, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.7 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, lir-repożitorju primarju li huma jkunu qabbdu. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fil-punt 3.7 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dak il-punt, permezz tar-router.

5. Fil-każ tad-dispaċċ u tat-trasbord tal-pakketti individwali jew tal-imballaġġ aggregat tal-prodotti tat-tabakk li b'kollox ikunu jiżnu inqas minn 10 kilogrammi maħsubin għal barra l-Unjoni, l-Istat Membru fejn ikun jinsab l-istabbiliment minn fejn qed isir id-dispaċċ jista' jippermetti li l-obbligu tar-reġistrazzjoni msemmi fil-paragrafu 1(c) sa (e) jintlaħaq billi jingħata aċċess għar-reġistri tas-sistema ta' traċċar u ta' rintraċċar tal-operatur loġistiku jew postali stess.

▼B

6. Jekk il-prodotti tat-tabakk jinqerdu jew jinsterqu wara li fuqhom ikun ġie applikat l-identifikatur uniku, l-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu mill-ewwel talba għad-diżattivazzjoni skont il-kamp ta' applikazzjoni u l-format speċifikati fil-punt 2.3 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu II tal-Anness II.

7. L-informazzjoni dwar l-avveniment għandha titqies li tkun intbagħtet sewwa meta jkun hemm messaġġ ta' rikonoxximent pożittiv tagħha min-naħa tar-repożitorji primarji jew tar-router. Il-messaġġ ta' rikonoxximent għandu jinkludi kodiċi tas-sejħa lura tal-messaġġ li l-operatur ekonomiku għandu juża jekk il-messaġġ oriġinali jkollu jitħassar.

Artikolu 33

Reġistrazzjoni u trażmissjoni tal-informazzjoni marbuta mat-tranżazzjonijiet

1. Sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-informazzjoni marbuta mat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2)(j) u (k) tad-Direttiva 2014/40/UE, l-operaturi ekonomiċi għandhom jirreġistraw l-avvenimenti li ġejjin:

(a) il-ħruġ tan-numru tal-ordni;

(b) il-ħruġ tal-fattura;

(c) l-irċevuta tal-ħlas.

2. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dik it-Taqsima, lir-repożitorju primarju li huma jkunu qabbdu. L-operaturi ekonomiċi l-oħrajn kollha għandhom jibagħtu l-informazzjoni mniżżla fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tal-Anness II, fil-format mogħti f'dik it-Taqsima, permezz tar-router.

3. Hija responsabbiltà tal-bejjiegħ li jirreġistra u jibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha titqies li tkun intbagħtet sewwa meta jasal il-messaġġ ta' rikonoxximent pożittiv tagħha min-naħa tar-repożitorji primarji jew tar-router. Il-messaġġ ta' rikonoxximent għandu jinkludi kodiċi tas-sejħa lura tal-messaġġ li l-operatur ekonomiku għandu juża jekk il-messaġġ oriġinali jkollu jitħassar.

Artikolu 34

Perjodu taż-żmien għat-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1)(a), (b) u (d), fl-Artikolu 32(3) u (4) u fl-Artikolu 33(1) fi żmien tliet sigħat minn meta jseħħ l-avveniment. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32 għandha tintbagħat fl-ordni kif iseħħu l-avvenimenti.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, l-avvenimenti li jissemmew fl-Artikolu 33 għandhom jitqiesu li jseħħu fil-mument meta jkunu jistgħu jiġu assoċjati mal-pakketti individwali rilevanti għall-ewwel darba.

3. L-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu l-informazzjoni dwar id-dispaċċ tal-prodotti tat-tabakk minn stabbiliment u dwar it-trasbord imsemmija fl-Artikolu 32(1)(c) u (e) fi żmien 24 siegħa qabel ma jseħħ l-avveniment.

▼B

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 32(1)(a), (b) u (d), fl-Artikolu 32(3) u (4) u fl-Artikolu 33(1) fi żmien 24 siegħa minn meta jseħħ l-avveniment jekk huma jkunu jissodisfaw xi kundizzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) jekk huma, jew il-grupp ta' impriżi li jiffurmaw parti minnu, skont il-każ, ikunu ttrattaw inqas minn 120 miljun UI tal-livell tal-pakketti individwali fil-livell tal-Unjoni fis-sena kalendarja ta' qabel;

(b) jekk huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

5. Il-paragrafu 1 għandu jibda japplika mill-20 ta' Mejju 2028. Sa dik id-data, l-operaturi ekonomiċi kollha jistgħu jibagħtu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 24 siegħa minn meta jseħħ l-avveniment.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 35

Indipendenza

1. L-emittenti tal-identifikazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u l-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis, kif ukoll is-sottokuntratturi tagħhom, skont il-każ, għandhom ikunu indipendenti u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod imparzjali.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, biex tiġi vvalutata l-indipendenza għandhom jintużaw il-kriterji li ġejjin:

(a) l-indipendenza mill-industrija tat-tabakk f'termini tal-forma ġuridika, tal-organizzazzjoni u tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għandu jiġi vvalutat b'mod partikulari jekk l-industrija tat-tabakk għandhiex kontroll, dirett jew indirett, fuq l-impriża jew il-grupp ta' impriżi, fosthom permezz ta' parteċipazzjoni azzjonarja minoritarja;

(b) l-indipendenza mill-industrija tat-tabakk f'termini finanzjarji, li se tkun preżunta jekk, qabel ma jidħlu għall-funzjonijiet tagħhom, l-impriża jew il-grupp ta' impriżi kkonċernati jkunu ġġeneraw inqas minn 10 % mill-fatturat dinji annwali tagħhom, minbarra l-VAT u kull taxxa indiretta oħra, mill-forniment ta' prodotti u ta' servizzi lis-settur tat-tabakk fl-aħħar sentejn kalendarji, kif jista' jiġi stabbilit abbażi tal-aktar kontijiet riċenti approvati. Għal kull sena kalendarja sussegwenti, il-fatturat dinji annwali, minbarra l-VAT u kull taxxa indiretta oħra, mill-forniment ta' prodotti u ta' servizzi lis-settur tat-tabakk ma għandux jaqbeż l-20 %;

(c) in-nuqqas ta' kunflitt ta' interess mal-industrija tat-tabakk min-naħa tal-persuni li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-impriża jew tal-grupp ta' impriżi, fosthom tal-membri tal-bord tad-diretturi jew ta' kull tip ta' korp ta' tmexxija ieħor. B'mod partikulari, huma:

(1) ma għandhomx ikunu ħadu sehem fl-istrutturi tal-kumpaniji tal-industrija tat-tabakk fl-aħħar ħames snin;

▼B

(2) għandhom jaġixxu b'mod indipendenti minn kull interess monetarju jew le marbut mal-industrija tat-tabakk, fosthom il-pussess tal-ħażniet, mill-parteċipazzjoni fi skemi tal-pensjonijiet privati jew mill-interessi li jkollhom sħabhom, l-irġiel jew in-nisa tagħhom jew qrabathom fil-linja axxendenti jew dixxendenti.

3. F'każ li l-emittenti tal-identifikazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u l-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis iqabbdu sottokuntratturi, huma għandu jibqa' jkollhom ir-responsabbiltà jiżguraw li dawk is-sottokuntratturi jikkonformaw mal-kriterji tal-indipendenza stabbiliti fil-paragrafu 2.

4. Għall-għanijiet tal-konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 3(8)(a), l-Istati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jistgħu jitolbu lill-emittenti tal-identifikazzjoni, lill-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u lill-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis, inkluż is-sottokuntratturi tagħhom, skont il-każ, jipprovdulhom id-dokumenti li għandhom bżonn biex jivvalutaw il-konformità tagħhom mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2. It-tali dokumenti jistgħu jinkludu dikjarazzjonijiet annwali tal-konformità mal-kriterji tal-indipendenza stabbiliti fil-paragrafu 2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu li d-dikjarazzjonijiet annwali jkunu jinkludu lista sħiħa tas-servizzi pprovduti lill-industrija tat-tabakk matul l-aħħar sena kalendarja, kif ukoll dikjarazzjonijiet individwali tal-indipendenza finanzjarja mill-industrija tat-tabakk ipprovduti mill-membri kollha involuti fil-ġestjoni tal-fornitur indipendenti.

5. L-Istati Membri rilevanti u l-Kummissjoni għandhom jiġu avżati minnufih b'kull bidla fiċ-ċirkustanzi marbuta mal-kriterji li jissemmew fil-paragrafu 2 li tista' taffettwa l-indipendenza tal-emittenti tal-identifikazzjoni, tal-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u tal-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis (inkluż tas-sottokuntratturi tagħhom, skont il-każ), u li tibqa' għaddejja għal sentejn kalendarji konsekuttivi.

6. Meta l-informazzjoni li tinkiseb skont il-paragrafu 4 jew l-avviż imsemmi fil-paragrafu 5 jiżvelaw li l-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u l-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis (inkluż is-sottokuntratturi tagħhom, skont il-każ) ma jkunx għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2, f'perjodu raġonevoli taż-żmien u sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena kalendarja ta' wara dik li matulha jkunu waslu l-informazzjoni jew l-avviż, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, fil-każ tal-fornitur tar-repożitorju sekondarju, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkun hemm konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2.

7. L-emittenti tal-identifikazzjoni, il-fornituri tas-servizzi tar-repożitorji u l-fornituri tal-apparat għal kontra t-tbagħbis għandhom javżaw lill-Istati Membri rilevanti u lill-Kummissjoni minnufih b'kull theddida jew tentattiv li jiġu influwenzati b'mod mhux xieraq li jistgħu jimminaw, potenzjalment jew fir-realtà, l-indipendenza tagħhom.

8. L-awtoritajiet pubbliċi jew l-impriżi rregolati mil-liġi pubblika, kif ukoll is-sottokuntratturi tagħhom, għandhom jitqiesu li huma indipendenti mill-industrija tat-tabakk.

▼B

9. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi b'mod perjodiku l-proċeduri li jirregolaw il-ħatra tal-emittenti tal-identifikazzjoni, tal-forniturі tas-servizzi tar-repożitorji u tal-forniturі tal-apparat għal kontra t-tbagħbis u l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom mal-kriterji tal-indipendenza stabbiliti fil-paragrafu 2, sabiex tivvaluta l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/40/UE u mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-konklużjonijiet ta' dik ir-reviżjoni għandhom jiġu ppubblikati u għandhom jiddaħħlu fir-rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE prevista fl-Artikolu 28 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 36

Sigurtà u interoperabbiltà tal-komunikazzjonijiet u tad-dejta

1. Il-komunikazzjonijiet elettroniċi kollha previsti f'dan ir-Regolament għandhom isiru b'mezzi siguri. Il-protokolli tas-sigurtà u r-regoli tal-konnettività applikabbli għandhom ikunu bbażati fuq standards miftuħin mhux proprjetarji. Dawn għandhom jiġu stabbiliti minn dawn li ġejjin:

(a) mill-emittent tal-identifikazzjoni fil-każ tal-komunikazzjonijiet bejnu u bejn l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jirreġistraw miegħu jew li jkunu qed jitolbuh joħorġilhom identifikaturi uniċi;

(b) mill-forniturі tar-repożitorji primarji fil-każ tal-komunikazzjonijiet bejn ir-repożitorji primarji u l-manifatturi jew l-importaturi;

(c) mill-fornitur tar-repożitorju sekondarju fil-każ tal-komunikazzjonijiet bejn ir-repożitorju sekondarju u r-router u:

(i) l-emittenti tal-identifikazzjoni;

(ii) ir-repożitorji primarji; u

(iii) l-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jużaw ir-router, jiġifieri l-operaturi ekonomiċi li ma jkunux manifatturi u importaturi.

2. Il-forniturі tar-repożitorji primarji u sekondarji għandhom ikunu responsabbli għas-sigurtà u għall-integrità tad-dejta li jkunu laqgħu fihom. Il-portabbiltà tad-dejta għandha tiġi żgurata skont id-dizzjunarju tad-dejta komuni stabbilit fl-Artikolu 28.

3. Fil-każ tad-dejta kollha ttrasferita, il-parti li tkun qed tibgħat id-dejta hija responsabbli għall-kompletezza tad-dejta ttrasferita. Sabiex il-parti li tkun qed tibgħat id-dejta tissodisfa dan l-obbligu, il-parti li tkun qed tirċeviha għandha tibgħat messaġġ ta' rikonoxximent li tkun irċeviet id-dejta, li jkun jinkludi valur ta' "checksum" tad-dejta reali li tkun intbagħtet jew mekkaniżmu alternattiv li jippermetti li tiġi vvalidata l-integrità tat-trażmissjoni, b'mod partikulari l-kompletezza tagħha.

Artikolu 37

Dispożizzjoni tranżitorja

1. Is-sigaretti u t-tabakk tal-brim li jkunu ġew immanifatturati fl-Unjoni jew importati fiha qabel l-20 ta' Mejju 2019 u li ma jkunux immarkati b'UIs tal-livell tal-pakketti individwali skont l-Artikolu 6 jistgħu jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni libera sal-20 ta' Mejju 2020. L-obbligi

▼B

li jissemmew fil-Kapitolu VI ma għandhomx japplikaw għal dawn il-prodotti tat-tabakk li jistgħu jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni libera iżda li mhumiex immarkati b'UIs tal-livell tal-pakketti individwali.

2. Il-prodotti tat-tabakk minbarra s-sigaretti u t-tabakk tal-brim li jkunu ġew immanifatturati fl-Unjoni jew importati fiha qabel l-20 ta' Mejju 2024 u li ma jkunux immarkati b'UIs tal-livell tal-pakketti individwali skont l-Artikolu 6 jistgħu jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni libera sal-20 ta' Mejju 2026. L-obbligi li jissemmew fil-Kapitolu VI ma għandhomx japplikaw għal dawn il-prodotti tat-tabakk li jistgħu jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni libera iżda li mhumiex immarkati b'UIs tal-livell tal-pakketti individwali.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

PROĊEDURA GĦALL-GĦAŻLA TAL-FORNITURI TAS-SISTEMI TA' REPOŻITORJI LI JKUNU PARTIJIET TERZI INDIPENDENTI

PARTI A

Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għall-għażla ta' fornitur li jkun parti terza indipendenti, li jħaddem repożitorju primarju:

1. Kull manifattur u importatur tas-sigaretti u tat-tabakk tal-brim għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bl-affarijiet li ġejjin sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573:

   (a) bl-identità tal-parti terza li qed jipproponi li jaħtar biex iħaddem repożitorju primarju (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-fornitur propost"); u

   (b) bl-abbozz tal-kuntratt għall-ħżin tad-dejta li jkun fih l-elementi ewlenin stabbiliti fir-Regolament Delegat sabiex dan jiġi approvat mill-Kummissjoni.

2. Flimkien man-notifika għandhom jintbagħtu l-affarijiet li ġejjin:

   (a) id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-għarfien espert tekniku u operattiv, imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573;

   (b) id-dikjarazzjoni bil-miktub tal-indipendenza finanzjarja u ġuridika, imsemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573; u

   (c) tabella ta' korrispondenza bejn il-klawżoli kuntrattwali u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/573.

3. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi n-notifika, u abbażi ta' eżami tal-idoneità tal-fornitur propost, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-indipendenza u mal-kapaċitajiet tekniċi tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 15(8) tad-Direttiva 2014/40/UE, il-Kummissjoni għandha tapprova l-fornitur propost u l-abbozz tal-kuntratt jew tirrifjutahom. Jekk il-Kummissjoni ma tibgħat l-ebda tweġiba dwar dan f'dak il-perjodu taż-żmien, għandu jitqies li tkun approvat lill-fornitur u l-abbozz tal-kuntratt.

4. Meta l-Kummissjoni ma tapprovax lill-fornitur propost jew l-abbozz tal-kuntratt, jew meta hija tqis li l-kuntratt ma jinkludix l-elementi ewlenin stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/573, il-manifattur jew l-importatur ikkonċernati għandhom jipproponu fornitur ieħor u/jew jemendaw l-abbozz tal-kuntratt kif meħtieġ biex dan jerġa' jitqies mill-Kummissjoni, fi żmien xahar minn meta l-Kummissjoni tinfurmahom b'dan.

5. Ladarba l-fornitur propost u l-abbozz tal-kuntratt ikunu ġew approvati, il-manifatturi u l-importaturi għandhom jibagħtu l-affarijiet li ġejjin, f'format elettroniku, fi żmien ġimagħtejn minn meta jkun hemm it-tali approvazzjoni:

   (a) kopja tal-kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet; u

   (b) id-dikjarazzjonijiet li jeħtieġ jiġu pprovduti bħala parti mill-kuntratt skont l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573.

6. Il-manifatturi u l-importaturi tal-prodotti tat-tabakk minbarra s-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2022, bl-identità tal-fornitur propost, bl-abbozz tal-kuntratt għall-ħżin tad-dejta li jkun fih l-elementi ewlenin stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/573 sabiex dan jiġi approvat mill-Kummissjoni, u bid-dokumentazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 2.

7. Il-fornitur li jinħatar biex iħaddem ir-repożitorju primarju għandu jintegra r-repożitorju tiegħu fis-sistema ta' traċċabbiltà biss wara li jkun ġie konkluż il-kuntratt approvat.

▼B

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-partijiet terzi nnotifikati u approvati fuq sit web.

9. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull emenda fl-elementi ewlenin tal-kuntratt, kif iddefiniti fir-Regolament Delegat (UE) 2018/573. Kull emenda oħra tal-kuntratt għandha tintbagħat minn qabel lill-Kummissjoni.

PARTI B

Il-proċedura li ġejja għandha tapplika għall-għażla ta' parti terza indipendenti li tħaddem is-sistema tar-repożitorju sekondarju:

1. Fi żmien sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament Delegat (UE) 2018/573, il-Kummissjoni għandha taħtar fornitur minn fost il-forniturі tar-repożitorji primarji li jkunu ġew approvati skont il-Parti A li jkollu l-kompitu li jħaddem ir-repożitorju sekondarju (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-operatur tar-repożitorju sekondarju"), sabiex dan iwettaq is-servizzi speċifikati fil-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament.

2. L-operatur tar-repożitorju sekondarju għandu jinħatar abbażi ta' valutazzjoni ta' kriterji oġġettivi sa mhux aktar tard minn tmien xhur wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Delegat (UE) 2018/573.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultat tal-ħatra tal-operatur tar-repożitorju sekondarju fuq sit web.

4. Kull fornitur tar-repożitorju primarju li jkun inħatar skont il-Parti A għandu jiffirma kuntratt individwali mal-fornitur li jkun inħatar biex iħaddem ir-repożitorju sekondarju sabiex dan iwettaq is-servizzi speċifikati fil-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament.

5. Il-kuntratti għandhom jiġu ffirmati u jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-data tal-ħatra.

PARTI C

Minbarra l-proċeduri tal-għażla deskritti fil-Partijiet A u B, għandhom japplikaw ukoll ir-rekwiżiti li ġejjin:

1. Meta xi parti kontraenti ttemm ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-manifattur u l-importatur u l-fornitur tar-repożitorju primarju, jew tkun mistennija ttemmha, għal kwalunkwe raġuni, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-kriterji tal-indipendenza stabbiliti fl-Artikolu 35, il-manifattur jew l-importatur għandu jgħarraf lill-Kummissjoni mill-ewwel b'dan, jew li mistenni jsir dan, u għandu jgħarrafha bid-data tan-notifika tat-terminazzjoni u bid-data meta dik it-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ malli jkun jaf dan. Il-manifattur jew l-importatur għandu jipproponi fornitur ta' sostituzzjoni u javża lill-Kummissjoni b'dan malajr kemm jista' jkun mil-lat prattiku u sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data meta jintemm il-kuntratt eżistenti. Il-fornitur ta' sostituzzjoni għandu jinħatar skont il-paragrafi 2 sa 7 tal-Parti A.

2. F'każ li l-operatur tar-repożitorju sekondarju javża li huwa jkun beħsiebu jieqaf iħaddem it-tali repożitorju skont il-kuntratti li jkun iffirma skont il-paragrafu 4 tal-Parti B, huwa għandu javża lill-Kummissjoni minnufih b'dan u bid-data meta għandha tidħol fis-seħħ dik it-terminazzjoni.

3. Meta s-sejba msemmija fil-paragrafu 1 tkun tapplika għall-fornitur li jkun inħatar biex iħaddem ir-repożitorju sekondarju, il-kuntratti għat-tħaddim tar-repożitorju sekondarju li jkunu ġew iffirmati skont il-paragrafu 4 tal-Parti B, min-naħa tagħhom, għandhom jintemmu mill-partijiet kontraenti.

4. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha taħtar fornitur ta' sostituzzjoni malajr kemm jista' jkun mil-lat prattiku u sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data meta jintemm il-kuntratt eżistenti.

▼B

ANNESS II

Il-messaġġi ewlenin li l-operaturi ekonomiċi għandhom jibagħtu

Il-messaġġi meħtieġa għall-għanijiet regolatorji għandu jkun fihom tal-inqas l-attributi tad-dejta mniżżlin f'dan l-Anness. Kemm l-emittenti tal-identifikazzjoni u kemm il-fornituri tar-repożitorji tad-dejta (inkluż tar-router) jistgħu jiddeċiedu li jżidu l-kontenut tal-messaġġ għal għanijiet purament tekniċi sabiex jiżguraw li s-sistema ta' traċċabbiltà tal-prodotti tat-tabakk taħdem bla xkiel.

Il-messaġġi mniżżlin f'dan l-Anness ma jinkludux il-messaġġi li l-emittenti tal-identifikazzjoni u l-fornituri tar-repożitorji tad-dejta (inkluż tar-router) iridu jibagħtu lura lill-operaturi ekonomiċi, bħall-konfermi tar-riċevuta.

Il-messaġġi kollha li jiġu ġġenerati fil-kuntest tas-sistema ta' traċċabbiltà tal-prodotti tat-tabakk għandu jkun fihom l-identifikazzjoni tal-oriġinatur u kronogramma sal-livell tas-sekondi (ara t-tip ta' dejta msejjaħ "Time(L)"). L-emittenti tal-identifikazzjoni u l-fornituri tar-repożitorji tad-dejta (inkluż tar-router) iridu jimmarkaw il-ħin fuq kull messaġġ li jirċievu sal-livell tas-sekondi.

KAPITOLU I

DESKRIZZJONIJIET TAL-ATTRIBUTI

TAQSIMA 1

It-tip ta' dejta

Tip ta' dejta	Deskrizzjoni	Eżempju
ARC	Il-kodiċi ta' referenza amministrattiva (ARC) jew kull kodiċi suċċessiv adottat skont is-sistema kompjuterizzata tal-movimenti u tal-kontrolli intrakomunitarji ta' prodotti soġġetti għas-sisa (l-EMCS)	"15GB0123456789ABCDEF0"
aUI	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti aggregati, ikkodifikat bl-affarijiet li ġejjin: jew bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u li jkun magħmul minn erba' partijiet: (a) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni skont l-istandard tal-ISO 15459-2:2015; (b) l-element li jagħti n-numru tas-serje fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni; (c) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tat-tabakk li jkun skont it-tip ta' dejta msejjaħ "FID"; u (d) kronogramma fil-format tat-tip ta' dejta msejjaħ "Time(s)", jew bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 li jifforma kodiċi li jkun strutturat skont l-istandard tal-ISO 15459-1:2014 jew l-istandard tal-ISO 15459-4:2014 (jew l-aktar standard ekwivalenti riċenti tagħhom)	
Boolean	Valur Boolean	— "0" (falz/diżattivat) — "1" (veru/attivat)
Country	Isem il-pajjiż, mogħti bil-kodiċi alfa-2 tal-istandard tal-ISO 3166-1:2013 (jew tal-aktar standard ekwivalenti riċenti tiegħu)	"DE"

▼B

Tip ta' dejta	Deskrizzjoni	Eżempju
Currency	Isem il-munita, mogħti bil-kodiċi tal-istandard tal-ISO 4217:2015 (jew tal-aktar standard ekwivalenti riċenti tiegħu)	“EUR”
Date	Id-data mogħtija bħala ħin universali kkoordinat (UTC), fil-format li ġej: SSSS-XX-JJ	“2019-05-20”
Decimal	Valuri numeriċi, li jistgħu jinkludu numri b'ċifri wara l-punt deċimali	“1” jew “2,2” jew “3,33”
EOID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-operatur ekonomiku, fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni kkodifikat bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991	
FID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-istabbiliment tat-tabakk, fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni kkodifikat bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991	
Integer	Valuri numeriċi aġġustati għal numri sħaħ, li ma jkunux jinkludu ċifri wara l-punt deċimali	“1” jew “22” jew “333”
MID	Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-magna, fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni kkodifikat bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991	
MRN	In-numru ta' referenza tal-moviment (l-MRN) huwa numru uniku tar-reġistrazzjoni doganali. Dan ikun fih 18-il ċifra u jkun magħmul mill-elementi li ġejjin: (a) l-aħħar żewġ ċifri tas-sena tal-aċċettazzjoni formali tal-moviment tal-esportazzjonit (SS); (b) isem il-pajjiż, mogħti bil-kodiċi alfa-2 tal-istandard tal-ISO 3166-1:2013 (jew tal-aktar standard ekwivalenti riċenti tiegħu) tal-Istat Membru li lilu ntbagħtet id-dikjarazzjoni; (c) identifikatur uniku għad-dħul jew għall-importazzjoni għal kull sena u għal kull pajjiż; u (d) ċifra ta' kontroll	“11IT9876AB88901235”
SEED	Numru tas-sisa li jkun magħmul mill-elementi li ġejjin: (a) isem il-pajjiż, mogħti bil-kodiċi alfa-2 tal-istandard tal-ISO 3166-1:2013 (jew tal-aktar standard ekwivalenti riċenti tiegħu) (pereżempju “LU”); u (b) ħdax-il karattru alfanumeriku, bl-użu ta' żero fuq in-naħa tax-xellug jekk ikun hemm bżonn (pereżempju “00000987ABC”)	“LU00000987ABC”
ITU	Il-kodiċi tal-unità individwali tat-trasport (pereżempju l-SSCC), iġġenerat skont l-istandard tal-ISO 15459-1:2014 (jew l-aktar standard ekwivalenti riċenti tiegħu)	“001234560000000018”
Text	Valuri alfanumeriċi, mogħtija bil-kodiċi tal-istandard tal-ISO 8859-15:1999	“abcde12345”
Time(L)	Il-ħin universali kkoordinat (UTC), mogħti fil-format li ġej: SSSS-XX-JJTss:mm:ssZ	“2019-07-16T19:20:30Z”
Time(s)	Il-ħin universali kkoordinat (UTC), mogħti fil-format li ġej: SSXXJJss	“19071619”

▼B

Tip ta' dejta	Deskrizzjoni	Eżempju
TPID	L-identifikatur tal-prodott tat-tabakk, li huwa identifikatur numeriku użat fis-sistema tal-Punt tad-Dħul Komuni tal-UE (is-sistema EU-CEG) bil-format li ġej: NNNNN-NN-NNNNN	“02565-16-00230”
PN	In-numru tal-prodott, li huwa identifikatur numeriku użat fis-sistema EU-CEG biex jiġu identifikati l-preżentazzjonijiet tal-prodott (pereżempju n-numru tal-identifikazzjoni tal-kummerċ globali tal-prodott imsejjaħ “GTIN”)	“00012345600012”
upUI(L)	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali kkodifikat bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u magħmul minn tliet partijiet: (a) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni skont l-istandard tal-ISO 15459-2:2015; (b) il-parti tan-nofs fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni; u (c) l-kronogramma fil-format tat-tip ta' dejta msejjaħ “Time(s)”	
upUI(s)	Identifikatur uniku tal-livell tal-pakketti individwali kkodifikat bis-sett li ma jinbidilx tal-istandard tal-ISO 646:1991 u magħmul minn żewġ partijiet: (a) il-prefiss tal-emittent tal-identifikazzjoni skont l-istandard tal-ISO 15459-2:2015; u (b) l-element li jagħti n-numru tas-serje fil-format stabbilit mill-emittent tal-identifikazzjoni (jiġifieri identifikatur uniku (UI) li jkun jidher fuq il-pakketti individwali f'format li jinqara mill-bniedem)	
Year	Is-sena mogħtija bħala ħin universali kkoordinat (UTC), fil-format li ġej: SSSS	“2024”

TAQSIMA 2

It-tip ta' kardinalità

Tip	Deskrizzjoni
Sempliċi (S)	Valur wieħed
Multipla (M)	Diversi valuri

TAQSIMA 3

It-tip ta' prijorità

Tip	Deskrizzjoni
Element obbligatorju (M)	Il-varjabbli jrid jimtela biex il-messaġġ jintbagħat b'suċċess
Element fakultattiv (O)	Il-varjabbli huwa marbut ma' attributi supplimentari li jibqgħu fakultattivi

▼B

KAPITOLU II

IL-MESSAĠĠI

TAQSIMA 1

